MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Appell Kriminali Numru. 116/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Zarb Adami**
**Francis Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Noel Zarb Adami u Francis Farrugia fil-kwalita` taghhom ta' Chairman u Personnel Officer ta' Malta Drydocks fuq talba tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni talli:

(1) Naqsu li jaghtu lill-ex-impjegati Lawrence Quintano u Anthony Borg il-vakanzi kollha dovuti lilhom fit-total rispettivi ta' disat ijiem u hames sieghat u nofs u naqsu li jikkumpensawhom fl-ammonti rispettivi ta' Lm303.10 u Lm306.43;

(2) Naqsu li jhallsu lill-istess Lawrence Quintano ghal tnax-il siegha u nofs sahra fl-ammont ta' Lm38.93 u lil Anthony Borg ghal tmintax-il siegha sahra fl-ammont ta' Lm53.38;

(3) Naqsu li jaghtu lill-istess Lawrence Quintano u Anthony Borg bonus ghall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 1998 u t-18 ta' Settembru 1998 fl-ammont ta' Lm25.43 kull wiehed.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmijin Noel Zarb Adami u Francis Farrugia fil-kwalita` taghhom premessa li jhallsu lil Lawrence Quintano s-somma ta' Lm367.46 u lil Anthony Borg is-somma ta' Lm385.24;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Marzu 2007, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Noel Zarb Adami u Francis Farrugia fil-kwalita` taghhom premessa hatja ta' l-akkuza dedotta u minnha lliberathom;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-28 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat is-sentenza preliminari ta' l-24 ta' Ottubru 2007 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellanti li r-rikors ta' appell kien null;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant Avukat Generali huwa li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi ghax, filwaqt illi l-ewwel Qorti sostniet li l-provi tal-prosekuzzjoni ma tantx kienu sodi, ghall-kuntrarju l-provi mressqa mid-Dipartiment tax-Xoghol kienu cari. F'dar-rigward l-

appellant jirreferi ghax-xiehda ta' Lawrence Quintano u dik ta' Anthony Borg.

Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**'However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.'"**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u**

**jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti u mix-xiehda jirrizulta s-segwenti:

**Ivan Spiteri** xehed illi Lawrence Quintano u Anthony Borg kienu marru fid-Dipartiment tax-Xoghol in konnessjoni ma' xi hlasijiet li qalu kienu ghadhom dovuti lilhom in konnessjoni ma' *vacation leave*, *overtime* u *bonus*. Il-*bonus* thallas. Dwar il-bqija kien tkellem ma' Francis Farrugia li rreferieh ghal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li kienet tghid li l-Malta Drydocks ma kenitx obbligata thallas *claims* tal-*leave*. Ix-xhud qal li wara li ra s-sentenza kien gibed l-attenzjoni ta' Farrugia li s-sentenza kienet titkellem dwar 247 gurnata *leave* akkumulat filwaqt li hawn si trattava ta' *leave* tas-sena kurrenti. In kontro-ezami qal li l-hlas ghal-*leave* gie kkalkolat skond l-Avviz Legali 101 tas-sena 1977, u cioe` li l-*leave* li ma jittehidx fl-ahhar ta-sena jithallas doppju bid-*double time*. L-ammonti dovuti huma skond l-akkuza. Fuq mistoqsija tal-Qorti qal li l-*leave* f'dal-kaz kien akkumulat ghax gej minn sena qabel. Fuq suggeriment tad-difensur ta' l-appellanti li mill-*Collective Agreement* tal-Malta Drydocks jirrizulta li Quintano u Borg m'ghandhomx dritt jitolbu ghal-*leave* akkumulat, ix-xhud wiegeb li ma rax il-*Collective Agreement*. Hadd ma gibidlu l-attenzjoni li hemm arrangment li jekk jahdmu *overtime* dan jigi konvertit f'*time off in lieu*. Qal li skond il-*claimants*, is-sinifikat ta' *continuous time* hu li ma jkunux hadu *break*, suppost ikunu telqu kmieni filghaxija u ma telqux. *Continuous time* ma tohrog minn ebda Avviz Legali. Pero` tezisti kif jirrizulta mill-*internal memorandum* datat 25 ta' Settembru 1995 (Dok. B a fol. 22). Mistoqsi jekk il-*claimants* qattx talbu *leave* u dan gie rifjutat, ix-xhud irrefera ghad-Dok. A (a fol. 19). Pero` wiegeb li ma rrizultalux li talbu  xi *leave* u ma nghatalhomx. Lawrence Quintano kien qallu li kien gie *boarded out* wara li kellu *injury* fuq il-post tax-xoghol.

**Mario Gatt** xehed illi l-Malta Drydocks ghandha procedura li s-*sick leave* ggibu *vacation leave* billi meta jkun hemm impjegat *on sick leave* li se jintemmlu l-impjieg, jekk ikun hemm *leave* pendenti dak il-*leave* jigi ezawrit fl-istess *sick leave*. Skond l-i*standing order*, *leave on termination* ma tithallasx tieghu. Dan il-punt iddiskutieh mas-Sur Farrugia li rreferieh ghall-i*standing order* adottat mill-Malta Drydocks. Ma jafx minn meta Lawrence Quintano beda l-*injury* imma kellu kaz twil ta' *injury*. L-*entitlement* ta' *sick leave* u ta' *injury leave* huwa differenti. Fil-kaz tat-tnejn, l-impjegat hu intitolat ghall-beneficcji kollha, inkluzi *vacation*, *public holiday*, kollox.

**Lawrence Quintano** xehed li kien impjegat mal-Malta Drydocks u gie *loaned* mix-Shipbuilding. Fil-15 ta' Dicembru 1997 kien imwegga' fuq il-post tax-xoghol u gie ritornat lill-Malta Drydocks. Mit-22 sad-29 ta' Dicembru 1999 [***recte:*** 1997] kien barra mix-xoghol *on injury leave*. F'dawk is-sebat ijiem il-Malta Drydocks poggietu f'*sick bay*. Huwa jidhol ghax-xoghol jippancja u joqghod fis-*sick bay*. Fl-1997 kien baqaghlu sitt ijiem siegha u tletin minuta *vacation leave* u kienet waslet biex tispicca s-sena. Kellem lil Louis Spiteri, il-Personnel Manager, li qallu li l-*leave* tieghu kien qed jiddekorri nonostante li kien fis-*sick bay*. Hareg mis-*sick bay* fil-31 ta' Dicembru. Fis-7 ta' Jannar 1998 mar jirrapporta lil Mario Gatt dwar kif il-*leave* tieghu kien gie assorbit fiz-zmien li kien *injured*. Huwa t-tabib li jiddeciedi tmurx id-dar jew fis-*sick bay*. Kien baghtu hemm Dr. Duss, it-tabib tad-Drydocks. Huwa kien waqa' gholi ta' hmistax-il pied u gie fuq rasu. Fit-12 ta' Frar 1998 baghat ghalih l-Injuries Board u kellmu l-Professur Carmelo Sciberras. Il-Bord ried jara c-cerifikat li kien hariglu Dr. Zammit Maempel izda dan ma kienx tahulu f'idu u, skond ix-xhud, kien ghand Dr. Duss. Rega' deher quddiem l-Injuries Board fit-12 ta' Marzu 1998 u mbaghad fit-23 ta' April 1998. Kull darba talbuh ic-certifikat ta' Dr. Zammit Maempel. Fit-23 ta' April Dr. Sciberras qallu biex ma jmurx aktar id-Dockyard u li ma kienx aktar assigurat. Ix-xhud qal li hu xorta mar id-Dockyard, mar ikellem lil Dr. Duss u dan qallu li galadarba ma kellux certifikat mahrug mill-Injuries Board li ma kienx *fit for work*, mela hu kellu jhallieh fuq il-post tax-xoghol.

Beda jahdem normali ghalkemm kien mugugh. F’Lulju 1998 rega’ rcieva biex jidher quddiem l-Injuries Board. Qabel mar, mar privatament ghand Dr. Sciberras, fehmu li Dr. Duss ma kienx itterminalu l-impjieg ghax ma Dr. Sciberras ma kienx tah certifikat u dak il-hin Dr. Sciberras tah ic-certifikat datat 21 ta’ Lulju 1998. Mar ghand Dr. Duss bic-certifikat li dak il-hin qallu biex johrog bil-*hurt*. Kellu jcempel lill-Ispizerija tal-Malta Drydocks kull gimgha biex jghidilhom li kien bil-*hurt*. Sat-18 ta’ Settembru 1998 baqa’ jircievi l-paga. Fid-*date ending* 4 ta’ Settembru 1998 fuq il-*payslip* jirrizulta li kien ha *6 days 1 hour* bhala *leave* meta dak iz-zmien kien bil-*hurt* u ma ha xejn. Il-*leave* li kien ghad baqaghlu kien *14 days 7 hours plus 10 hours*. Kellu *11 hours* ohra li semma’ qabel meta kien ix-Shipbuilding u kellu *1 hour 30 minutes continuous time* li ma setax jehodhom. B’referenza ghas-*slip* tal-paga datat 18-09 sab li kien ha, skond il-Malta Drydocks, tmint ijiem u ghaxar sieghat *leave*. Il-hdax-il siegha li kellu mal-Malta Shipbuilding ma jidhrux.

In kontro-ezami **Lawrence Quintano** qal li meta rcieva l-ahhar cekk kien jaf li kien l-ahhar wiehed. Fuq il-post tax-xoghol wegga’ tmien jew disa’ darbiet u ha kumpens ta’ kull *injury*. L-ahhar li ha kienu zewg kumpensi f’daqqa. Fil-15 ta’ Dicembru wegga’ meta kien ix-Shipbuilding u ha l-*injury leave*, imbaghad ha l-*leave* u fit-12 ta’ Jannar 1998 dahal regolari l-post tax-xoghol. Wara t-12 ta’ Jannar ma regax wegga’ u baqa’ sal-21 ta’ Lulju 1998. Ha granet *off* bhala *leave* minn tieghu. Mistoqsi mill-Qorti jekk wara li tterminawlu l-impjieg marx ghand tabib, ix-xhud wiegeb li mar ghand seba’ professuri u kulhadd jghidlu li jafu li hu migugh imma ma jistghu jaghmlulu xejn. Kellu *injury* kbira f’rasu u kien rah Dr. Jacob, it-tabib tax-Shipbuilding. Ma marx Sptar u l-anqas id-dar meta wegga’. Huwa wera lill-Qorti certifikati mahrugin mid-Dipartiment Socjali u mix-Shipbuilding u *injury report* datat 15 ta’ Dicembru 1997 mahrug minn Dr. Jacob. Fuqu hemm li kellu *whiplash injury*, *head neck injury* u li s-Sur Quintano *refused to go home*. Sakemm gie terminat ix-xoghol tieghu ha jumejn jew tlieta *leave*. Gie *terminated* mill-post tax-xoghol fit-18 ta’ Settembru 1998 u hareg fil-21 ta’ Lulju. Meta mar jitlob il-*leave* lis-Sur Spiteri fl-ahhar tas-sena dan qallu li *“I can’t*

*carry it forward”*. Mit-12 ta’ Jannar 1998 sal-21 ta’ Lulju 1998 kien jitlob il-*leave* darba fil-gimgha izda kull m atawh tlett ijiem. Fl-14 ta’ Jannar 1998 tnehhiet is-sistema tas-*sick bay*. Kien jitlob il-*leave* lill-imghallem tieghu Lawrence Micallef li kien jirrifjutahulu. Ix-xhud esebixxa diversi dokumenti go faxxikolu li gew immarkati komplessivament Dok. LQ.

**Anthony Borg** xehed li kien ilu impjegat mal-Malta Drydocks ‘il fuq minn 29 sena. Fit-18 ta’ Settembru 1998 gie *boarded out* fuq talba tieghu ghax kien marid. Fuq il-*payslips* tieghu beda jsib imnizzel *sick* u *leave*. Huwa kien seba’ gimghat *sick*. Esebixxa s-*sickness reports* li gew immarkati bhala Dok. AB. Hareg bis-*sick* u kien ghad baqaghlu tnax-il gurnata *vacation leave*. Meta kien se jigi *boarded out* talab lill-imghallem tieghu Ninu biex jiehu l-*leave*. Ninu qallu li ghandu l-karti ta’ l-i*stop leave*. Il-granet li kien ghad baqaghlu *leave* (li issa beda jghid kienu hdax) sab mill-*payslips* li kien qed jehodhom bhala *sick*. Meta skopra dan, kien diga` barra. Kellem lis-Sur Coleiro tal-Union li qallu li mhux suppost jaghmluhielu. Meta mar ghand is-Sur Fred, dan qallu li mhux se jhallsuh tal-*leave* minhabba d-DEPF.

In kontro-ezami **Anthony Borg** qal li fl-1998 ha circa gimaghtejn *sick leave*. Ma hax iktar milli intitolat mil-ligi. L-i*stop notice* hemm id-data fuqha. Matul l-1998 ha disat ijiem *vacation leave* izda ma jafx meta hadhom. Ma jafx li hemm regola t-Tarzna li ma jistax jikkonverti *leave* fi hlas jekk ma jehdux qabel ma jispicca mix-xoghol. Mal-paga jkun hemm *slip*. Hu ma tantx jaf jaqra imma l-paga jifhimha. Jaqbel li fuq is-*slip* kien hemm miktub li s-*sick leave* qalbuhulu *vacation leave*. Ic-cekk tal-paga sarrfu.

**L-appellat Francis Farrugia**, Personnel Officer il-Malta Drydocks, xehed li Lawrence Quintano u Anthony Borg hargu volontarjament ghax it-Tarzna biex tohrog *boarded out* trid tkun volontarja. Lis-Sur Quintano t-Tarzna baghtitu darbtejn ghand Professuri fejn dawn qalu li kien tajjeb ghax-xoghol. Imbaghad gab certifikat minghand Professur li kien jghid li kellu persentagg kbir minn gismu mejjet u b’hekk gie *boarded out*. Lawrence Quintano kien

baqaghlu xi sebat ijiem *leave*, xi *bonus*, xi *continuous time* u xi sahra l-Marsa izda t-Tarzna baqghet tikkontestahom. Dwar il-*continuous time* kienu hargu diversi *general notices*. Dwar is-sebat ijiem *leave* kien qed jikklejmja flus mas-Social Services, kien hemm korrispondenza u finalment is-Social Services tat ragun lit-Tarzna. Il-*bonus* thallas. Dwar l-*overtime* l-Marsa, xi sieghat iktar kienu jehduh *time in lieu* qabel ma jirritornaw it-Tarzna – dan skond il-Ftehim Kollettiv bejn il-Union u t-Tarzna u x-Shipbuilding. Meta persuna tkun ha tirritorna t-Tarzna, hu flimkien mal-persuna u l-Manager jikklerjaw il-kwistjoni tat-*time in lieu* billi l-persuna tirritorna t-Tarzna wara lit kun hadet dak it-*time in lieu*. L-impjegati li jmorru x-Shipbuilding dan jafuh. Meta bniedem ikun ha jispicca mix-xoghol, xi *leave* li jkollu jrid jiehdu u ma jithallasx u dwar dan inhargu *general notices*. Dwar dan kien hemm kawza mill-bniedem stess li kien hareg *general notice* u li ntrebhet mit-Tarzna. Hemm ukoll *general notice* dwar l-*accumulated leave* li jrid jittiehed qabel bniedem jitlaq mit-Tarzna. Fil-*personal files* tas-Sur Quintano u s-Sur Borg m'hemmx *record* li talbu l-*leave* u ma nghatalhomx. Dwar il-*continuous time*, dan jirreferi ghal meta bniedem jibqa' jahdem fil-hin tal-*break* u mbaghad johrog aktar kmieni. Dan irid jittiehed *time off in lieu* u ma jithallsux tieghu. Mir-*records* li ghandu tal-*leave*, jirrizultalu li meta talbu l-*leave* dan inghatalhom. Meta bniedem jaghmel *continuous time* jinghata *chit* roza li tigi pprezentata d-Dipartiment u jsir *pass* tal-gurnata li jkun ha johrog fiha. Fil-*personal files* tas-Sur Quintano u s-Sur Borg m'hemmx *record* simili. Dwar *time in lieu* tax-Shipbuilding, hija x-Shipbuilding li trid tara li dan ikun ittiehed qabel ma jibaghtuhom it-Tarzna.

In kontro-ezami **Francis Farrugia** qal dwar il-*continuous time* li kien uhargu cirkolari dwaru. Hadd qatt ma thallas tal-*continuous time*. Skond il-Ftehim Kollettiv gdid il-*break* irid jittiehed xi hin iehor.

**L-appellat Noel Zarb Adami** xehed li mill-1997 sa l-2000 kien Chairman tal-Malta Drydocks. Affarijiet ta' *leave* kienu affarijet purament amministrattivi u hu kien qieghed hemm biex jirrapprezenta lix-*shareholder*, cioe` l-Gvern.

Ma kellux x'jaqsam ma' *personnel*. Sar jaf bil-kaz meta gie mghajjat il-Qorti. In kontro-ezami qal li l-Personnel Division manager kien jigi appuntat mill-Kunsill. Kien ikollu d-Division tal-Personnel tahtu u sakemm ma kienx ikun hemm affarijiet li jimmeritaw l-attenzjoni tal-Kunsill, qatt ma ndahal jew qatt ma kellu x'jaqsam mat-tmexxija ta' kuljum ta' *leave*, acidenti, ingagg, dixxiplina. Mhux necessarjament kien ikun infurmat dwar *memorandums* ghall-impjegati kollha tat-Tarzna. Sa fejn jaf hu qatt ma kien hemm tibdiliet dwar il-*leave* meta kien hemm.

**Joe Carabott**, Departmental Manager ta' l-iSki Shop, qal li s-Sur Quintano u s-Sur Borg kienu fid-Dipartiment tieghu. Mistoqsi dwar *stop leave* fid-Dipartiment tieghu qal li kien ikun hemm kullimkien b'mod generali izda dan kien ifisser li jistghu jiehdu l-*leave* bejn wiehed u iehor 20% tan-nies u mhux kulhadd. Ma jidhirlux li s-Sur Quintano u s-Sur Borg qatt talbuh il-*leave* u cahadulhom. Ix-xoghol kien jassenjah hu u lilhom kien itihom xoghol partikolari, xoghol hafif, ghaliex ma kinux jistghu jaghmlu xoghol normali minhabba certifikati medici. Gie li anke kienu jmorru s-*sick bay*. Kieku talbu l-*leave*, ma kienx ikun hemm problema li ntihulhom. In kontro-ezami qal li l-20% kien mill-*work force* kapaci li jahdem. Din ta' l-20% kienet tohrog minn *understanding* bejn il-Union u l-Management, imbaghad *at the discretion* tal-Management kemm jista' jaghti. Meta nghidu *stop leave*, dan kien ikun ghal perijodi qosra, normalment erba' gimghat, minhabba l-*work-load*. Ma jidhirlux li ntlaqtu minnha s-Sur Quintano u s-Sur Borg. Qatt ma talbu *leave* u ma nghatalhomx. Data meta spiccaw mix-xoghol ma jafx ghax mhux se jzomm f'mohhu. *Records* dwar *leave* izommhom il-Personnel Manager. Il-procedura meta bniedem jitlob il-*leave* kienet li l-imghallem jaghmillu l-karta tal-*paid leave*, haddiehor jirrekordja l-*leave* – il-Pay Office u l-Personnel flimkien – u jekk ma baqaghlux *leave* jaghmlulu *unpaid* jew *absent*. L-imghallem ma kienx izomm *record* kemm baqaghlu *leave*.

**Francis Farrugia** rega' xehed u esebixxa r-*records* tal-*leave* ta' Lawrence Quintano u Anthony Borg mill-1 ta' Jannar 1998 sa qabel ma hargu. Spjega li minn dawn id-dokumenti, li huma mqassmin *fortnight fortnight*, jidher li

Lawrence Quintano ha l-*leave* regolarment. Inoltre kienu principalment jinghataw *revenue work*, jigifieri mhux xoghol produttiv, izda xoghol ta' manutenzjoni. Id-*direct work* huwa x-xoghol produttiv u l-*waiting time* ma jkunu qed jaghmlu xejn. Imbaghad jirrizulta li Lawrence Quintano hareg b'*hurt leave* mit-22 ta' Lulju 1998 sat-18 ta' Settembru 1998, u Anthony Borg *sick leave* mit-3 ta' Awissu 1998 sat-18 ta' Settembru 1998. Biex bniedem jghaddi mill-Bord tal-Gvern wara li jghaddi mill-Bord tat-Tarzna, kien ikun fuq *sick leave* barra nkella ma jistax jghaddih *boarded out*. Sadattant jibqghu jithallsu. It-tabib tat-Tarzna jibqa' jaghmlilhom ic-certifikati sakemm tittiehed id-decizjoni mill-Bord tal-Gvern. L-appellat qal ukoll illi f'hafna kazi l-*leave* li kien jibqaghlhom f'dak il-perijodu li jkunu barra, kienu jikkunsmahulhom fis-sens li l-ewwel granet li jaghmlu *hurt*, wara li jibaghthom it-tabib, kienu jikkunsmaw dak il-*paid leave* li jkun fadlilhom kollha. Fil-kaz tas-Sur Quintano dan m'ghamluhx. Rigward il-komputazzjoni tal-*leave* qal li ragel tax-xoghol ghandu 24 gurnata f'sena xi tlett ijiem ta' *public holidays* li jaqghu l-Hadd. Skond l-appellat, is-Sur Quintano ha l-*leave* sa meta hareg bis-*sick leave*. Biex jghaddu mill-Bord tal-Gvern bilfors iridu jkunu barra bis-*sick leave*. Allura wara li jghaddu mill-Bord tat-Tarzna, japplikaw huma lill-Bord tal-Gvern.

Issa, f'kawza ta' natura kriminali l-prosekuzzjoni hi tenuta li tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli. F'dan il-kaz il-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellati ghandhom, ossia kellhom, ihallsu lil Lawrence Quintano u Anthony Borg ghal xi granet ta' *vacation leave*, ghal numru ta' sieghat ta' sahra, kif ukoll *bonus*.

L-ewwelnett jinghad mill-ewwel li jirrizulta li l-*bonus* thallas. Dan jikkonfermah mhux biss Ivan Spiteri izda jirrizulta mill-ahhar *payslip* ta' l-imsemmijin Lawrence Quintano u Anthony Borg.

Dwar is-sahra, huwa veru li Ivan Spiteri mid-Dipartiment tax-Xoghol jirreferi ghal tmintax-il siegha ekwivalenti ghal Lm53.38 dovuti lil Anthony Borg, izda fix-xiehda tieghu Anthony Borg ma jghid <u>xejn</u> dwar sahra. Inoltre ma hemm

l-ebda dokument jew prova ohra li tissostanzja din il-pretensjoni.

Kwantu ghas-somma li l-prosekuzzjoni qed tghid li hija dovuta lil Lawrence Quintano ghas-sahra, Ivan Spiteri jghid li dan kellu jiehu tnax-il siegha u nofs. Lawrence Quintano jghid li kellu hdax-il siegha kif ukoll siegha u nofs bhala *continuous time* li hadimhom ix-Shipbuilding. Mill-provi migbura, din il-Qorti mhijiex soddisfatta li ghal dawn kienu responsabbli l-Malta Drydocks izda l-Malta Shipbuilding. L-appellat Francis Farrugia xehed illi kien hemm ftehim max-Shipbuilding li sieghat iktar li kienu jahdmu maghhom il-haddiema tat-Tarzna, kellhom jehduh *time off in lieu* qabel ma jirritornaw it-Tarzna. F'dan ma jinsabx kontradett. U Lawrence Quintano stess jaccetta li dawk is-sieghat hadimhom max-Shipbuilding. Ghalhekk ma hemm xejn dovut mill-Malta Drydocks.

Nigu issa ghall-kwistjoni tal-*vacation leave*. Hawn hekk l-ewwelnett tezisti konfuzjoni shiha dwar in-numru ta' granet u sieghat li dwarhom qieghed jigi pretiz kumpens. Ivan Spiteri, dejjem naturalment fuq informazzjoni li jghid li giet mghoddija lilu minn Lawrence Quintano u Anthony Borg, jghid illi Quintano kellu jiehu disat ijiem u siegha filwaqt illi Borg kellu jiehu disat ijiem u hames sieghat u nofs. Sfortunatament ma nghatax rendikont preciz ta' kif saru l-komputazzjonijiet. Anzi jidher li l-imsemmi Ivan Spiteri baghat zewg ittri, wahda fit-23 ta' Settembru 1998 u ohra fil-15 ta' Jannar 1999 (li ma jinsabux esebiti fl-atti) b'varjazzjoni peress illi jghid illi ttiehed zball fl-ewwel ittra. Lawrence Quintano pero` xehed li l-*leave* li kien ghad baqaghlu kien *"14 days 7 hours plus 10 hours in hours*". Anthony Borg l-ewwel xehed li kellu tnax-il gurnata *leave* mbaghad semma hdax-il gurnata.

Apparti dawn l-inkonsistenzi, Lawrence Quintano u Anthony Borg jilmentaw li kienu jitolbu l-*leave* u ma kienx jinghatalhom minhabba s-*stop leave*. Lawrence Quintano jghid li kull ma ha *leave* fl-1998 kienu xi jumejn jew tlieta. Mid-dokument esebit minn Francis Farrugia fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2002 (Dok. FF a fol. 103) jirrizulta l-kuntrarju, jirrizulta total ta' 127 siegha. Mill-istess

dokument a fol. 104 imbaghad jirrizulta kemm ha *leave* Anthony Borg, total ta’ 56.6 sieghat. Barra minn hekk mix-xiehda ta’ Francis Farrugia rrizulta li meta impjegat tat-Tarzna jitlob il-*leave*, timtela’ formula li tigi ffirmata mid-Dipartiment tieghu u kienet tispicca ghandu bhala Personnel, u jekk il-*leave* ma jkunx approvat, l-impjegat ghandu jkollu rcevuta taghha. Fil-kaz ta’ Quintano u Borg m’hemmx *record* ta’ *leave* li ma nghatalhomx.

Ma tistax ma ssirx referenza wkoll ghal *general notice* datat 17 ta’ Gunju 1985 (a fol. 8) li jirrigwarda l-kumulu ta’ *paid leave* li jghid hekk:

*“All Yard personnel are advised that all paid leave for which they are eligible is to be taken by all employees prior to their retirement from Yard employment.*

*No payment for any outstanding paid leave will be made after date of retirement.”*

L-applikabilita` ta’ dan in-*Notice* gie accettat fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Kummercjali) fl-ismijiet **Salvu Brincat vs Sammy Meilaq noe** moghtija fis-16 ta’ Mejju 1995 (a fol. 148 *et seq.*).

Hemm imbaghad ix-xiehda ta’ Mario Gatt li qal li skond l-i*standing order* tad-Drydocks *leave on termination* ma tithallasx tieghu.

L-abbli prosekutrici rreferiet ghal Ftehim Kollettiv tas-sena 2000 li ghandu effett retroattiv ghas-sena 1997. Dan id-dokument ma gie qatt esebit f’dawn l-atti u ghaldaqstant x’jista’ jikkontjeni dak il-Ftehim Kollettiv huwa rrilevanti ghal dan il-kaz partikolari.

Kemm Quintano kif ukoll Borg gew *boarded out*, apparentement fuq rikjesta taghhom. Ma jirrizultax illi dan gara minhabba xi haga li hekk kif gratilhom ma setghux jidhlu aktar ghax-xoghol. Anzi l-provi juru l-kuntrarju, cioe` li baqghu jidhlu ghax-xoghol u ghalhekk setghu jiehdu l-*leave entitlement* taghhom.

F'dawn ic-cirkostanzi kollha ghalhekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet. Konsegwentement l-appell ma jimmeritax li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------